**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il- Hamis 23 ta' Mejju 2019**

**Rikors nru: 283/16 AGV**

AB

Vs

CD u d-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-Avukat Dr. Martin Fenech u l-PL Jean Pierre Busuttil li b'digriet datat 3 ta' Jannar, 2017 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw il-minuri EB.

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-2 ta' Dicembru, 2016 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti :-

1. Illi l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut CD minn liema relazzjoni kellhom tifel ossia l-konvenut minuri EB u dan kif jirrizulta mill-annessi certifikati tat-twelid (Dok. A).

2. Illi mill-Att tat-twelid tat-tifel E, jirrizulta illi fil-kolonna tal-"Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier" gew registrati l-kliem "unknown father" ossia missier mhux maghruf.

3. Illi ghalkemm l-attrici interpellat lil konvenut sabiex jirrikonoxxi l-minuri huwa baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri EB huwa l-konvenut CD.

2. Tordna illi c-certifikat tat-twelid tal-imsemmi minuri FG jigi emendat, fis-sens illi jigu mnehhija l-kliem "Unknown father" mic-certifikat tat-twelid tal-minuri u minflok jitnizzel isem il-konvenut CD bhala missier tal-minuri, u kif ukoll, jigi mizjud, kull fejn jehtieg referenza ghall-konvenut, senjatament izda mhux biss, ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu, isem u kunjom missier il-konvenut u jekk l-istess missier tal-konvenut huwiex haj jew mejjet, l-eta' tal-konvenut, u kwalsiasi taghrif iehor relattiv ghall-konvenut CD u li jidher mal-att tat-twelid citat.

3. Tordna lill-intimat id-Direttur tar-Registru Pubbliku illi jaghmel dawk l-annotazzjonijiet kollha relattivi u necessarji.

Bl-ispejjes u l-intimat minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa illi:-

1. Illi preliminarjament u f'gieh l-integrita' tal-gudizzju, l-esponent jecepixxi illi ghandha ssir korrezzjoni ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan sabiex fit-tieni talba hekk kif dedotta fir-rikors promotur, l-isem ta' "FG" jigi sostitwit b'dak tal-minuri li huwa parti minn din il-kawza, cioe' "EB."

2. Illi bla hsara ghal premess u f'gieh l-integrita' tal-gudizzju, l-esponent jecepixxi ukoll li minkejja li l-attrici ddikjarat fir-rikors promotur illi interpellat diversi drabi lill-konvenut sabiex jirrikonoxxi lill-minuri, huwa qatt ma gie notifikat b'xi ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu l-esponent jistqarr li ma huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat.

4. Illi l-esponenti jirrimettu ruhu ghar-rizultanzi istruttorji u umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jigi verifikat jekk il-konvenut huwiex verament il-missier naturali tal-minuri EB.

5. Illi bla hsara ghas-suespost, f'kaz li jintlaqaw it-talbiet attrici, l-esponent jistieden lill-konvenut CD sabiex jipprezenta d-dettalji personali kollha tieghu, permezz ta' nota li tisspecifika senjatament (1) in-numru tal-karta ta' identita' tieghu, (2) ismu u kunjomu, (3) l-eta' tieghu meta twieled EB, (4) il-post tat-twelid tieghu (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled EB (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier pattern kienx ghadu haj meta twieled EB. Tali informazzjoni hija mehtiega sabiex tigi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri EB.

6. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni attrici mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra l-attrici li qiedgha tigi ngunta in subizzjoni.

Rat ir-Risposta ta' Dr. Martin Fenech u l-PL Jean Pierre Busuttil bhala kuraturi deputati li eccepew illi:-

1. Illi l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti u jirrizerva li jissottometti risposta ulterjuri meta jkun il-kaz.
2. Illi l-minuri ghandu dritt li jkun jaf minn hu missieru u ghalhekk ahjar li jsir it-test tad-DNA.

**IKKUNSIDRAT**.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

L-**Artikolu 67 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

***"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".***

Ghal-ligi taghna, l-omm tat-tarbija hija dejjem l-omm li weldet it-tarbija, "**mater semper certa est".** Il-ligi nostrana ma tikkonsidrax b'mod legger talbiet sabiex isir tibdil fl-att tat-twelid ta' persuni mwielda fiz-zwieg. Fil-kawza fl-ismijiet "**Anthony Grima vs Josianne Grima et**", kawza ta' denegata paternita', deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April 2012 ntqal:-

*"L-azzjoni tallum hija mahsuba mhux biss biex iccahhad lill-ulied mill-istat ta' wlied imnissla matul iz-zwieg izda ukoll biex iccahhadhom mill-familja li fiha illum trabbew, interess li ukoll irid ihares l-artikolu 81(2) (Kap.16), u huwa ghalhekk illi l-ligi ma tridx li tinbidel is-sitwazzjoni ta' min tnissel fiz-zwieg u ghandu stat li jaqbel ma' dak li jghid l-att tat-twelid tieghu".*

Fil-kawza fl-ismijiet "**Diane Lia noe vs Mohamed Melikechi et**" deciza mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002 intqal:-

*"Dwar il-filjazzjoni naturali l-Kodici Civili taghna jikkontempla dawn il-kategoriji ta'azzjonijiet:- (a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew 'denegata paternita' li l-ligi tirrizerva biss lir-ragel ta' omm it-tifel (Artikolu70); (b) L-*

*impunjattiva tal-istat legittimu prospettata fl-Artikoli 76 u 77, li hi moghtija b'mod generali lil kull min ghandu interess fil-kazijiet f'dawn id-disposizzjonijiet kontemplati. Tali azzjoni ssir ukoll fil-konfront tat-tifel jekk maggorenni jew fil-konfront ta' kuraturi f'kaz li t-tifel ikun minorenni jew mhux tajjeb biex joqghod f'kawza (Artikolu 75); (c) Ir-ricerka tal-paternita' li hi moghtija lit-tifel (Artikolu 84) u estiza ukoll lid-dixxendenti jew eredi tieghu kif hekk previst fl-Artikolu 85".*

Imbaghad, l-Artikolu 86 tal-Kodici Civili jistipula illi:-

***"It-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi magħruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:***

***Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala missier it-tifel hija minuri, it-tagħrif li tagħmel din il-persuna huwa null:***

***Iżda wkoll it-tagħrif ta' tifel imwieled barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta tagħha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun laħaq l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif u l-omm, jew il-werrieta tagħha skont il-każ, u t-tifel, ma jkunux fi żmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota preżentata fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali, qablu li ssir dik irreġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jgħaddi biex jirreġistra l-imsemmi tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi:***

***Iżda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni jew jibqgħu ma jweġbux fiż-żmien ta' xahrejn***

***fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li min jagħmel it-tagħrif ikun missier it-tifel u tordna r-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi.***

***86A. (1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi.***

***(2) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (1) tista' wkoll titmexxa mill-werrieta jew mid-dixxendenti tat-tifel jekk ikunu jeżistu l-istess ċirkostanzi bħal dawk imsemmija fl-artikolu 85."***

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa illi mhuwiex minnu li l-konvenut kien gie debitament notifikat peress li ma kienx ircieva ittra ufficjali kif jirrikjedi l-Artikoli 86 fuq citat.

Dina l-kawza nfethet minn omm EB, fejn qed titlob li l-konvenut CD jigi ddikjarat bhala l-missier naturali u biologiku tal-minuri. L-artikolu 86 jirrikjedi li tigi pprezentata ittra ufficjali, meta missier il-wild illegittimu jiddeciedi li jaghti t-taghrif necessarju sabiex isiru l-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid. Ir-rekwiziti tal-ligi jirrikjedu li mbaghad l-istess ittra trid tigi notifikata lill-omm il-wild jew l-istess wild, jekk ikun maggorenni sabiex fi zmien xahrejn jikkonfermaw jew jinnegaw l-pretensjonijiet tal-missier. Din il-procedura taht l-Artikolu 86,  ghalhekk qatt ma setghet tapplika ghall-kaz odjern u dan peress fil-kaz in kwistjoni hija l-omm li ddecidiet tipprocedi b'talba gudizzjarja.

Fl-fatt, l-artikolu 86 A imbaghad jaghti lok lill-omm il-wild, biex tipprocedi b'talba gudizzjarja sabiex tigi stabbilita l-paternita' tal-wild u inoltre sabiex fl-istess certifikat tat-twelid tigi rregistrata l-istess paternita'.

Hekk ghamlet l-attrici *qua* omm, fil-kawza odjerna. Ipprevalixxiet ruhha minn dan l-Artikolu 86 biex ippromoviet il-kawza taghha biex tigi kkonfermata l-paternita' tal-wild illegitimu. Ghalhekk ma kienitx azzjoni prodotta mill-allegat missier naturali u biologiku u jsegwi li qatt ma jista' d-Direttur tar-Registru Pubbliku jippretendi li kellha tigi segwita l-procedura tan-notifika bl-ittra ufficjali, ghax il-ligi stess tippermetti dan biss fil-kaz li jkun ser jitlob kjarifika l-missier naturali u jitlob, permezz tal-ittra ufficjali, li jinbidel l-istat tal-wild, minn wiehed illegittimu ghal wiehed legittimu, li zgur mhux il-mertu ta' dan il-kaz.

Ghaldaqstant, dina l-Onorabbli Qorti tichad it-tieni eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, filwaqt li tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu.

Spejjez jigu rizervati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**